MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 77/2012

**Ursula maghrufa bhala Maria Ursula Farrugia**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu gie premess is-segwenti:-

(1) Illi l-Att tat-Twelid tar-rikorrenti bin-numru hamsa u sittin (65) tas-sena elf disa' mija u tnejn u sittin (1962) fil-parti relattiva ghat-'Taghrif dwar it-Tarbija' fil-kolonna ntestata 'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha' hemm indikat l-isem ta' 'Ursula', meta fil-verita', ir-rikorrenti hija komunement maghrufa bhala 'Maria Ursula' (Dokument A).

(2) Illi in fatti, fl-istess certifikat tat-twelid, fil-parti relattiva ghat-'Taghrif dwar it-Tarbija' fil-kolonna ntestata 'Ismijiet moghtija', l-ismijiet hemm indikati huma 'Maria Ursula', 'Carmela' u 'Grazia', izda imbaghad ghal xi raguni fil-kolonna ntestata 'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha' gie mnizzel l-isem ta' 'Ursula' u mhux l-isem ta' 'Maria Ursula'.

(3) Illi in oltre, fl-att taz-zwieg tar-rikorrenti (Dokument A 1) bin-numru hamsa u tmenin (85) tas-sena elf disa' mija u tlieta u tmenin (1983), fil-kolonna ntestata 'Isem u Kunjom', isem ir-rikorrenti gie mnizzel bhala 'Maria Ursola', meta fil-fatt, kellu jigi mnizzel bhala 'Maria Ursula'.

(4) Illi in sostenn tal-fatt li r-rikorrenti hi maghrufa bl-isem ta' 'Maria Ursula' qeghdin jigu annessi flimkien ma' dan ir-rikors guramentat is-segwenti dokumenti: (i) vera kopja ta' dikjarazzjoni mahruga minn 'The Williamstown Hospital' fl-Awstralja (Dok B); (ii) vera kopja ta' korrispondenza rilaxxata mill-Ministru tas-Sahha (Dok C); (iii) vera kopja ta' certifikat mahrug minn 'Victorian Nursing Council' (Dok D); (iv) vera kopja ta' dikjarazzjoni mahruga mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni (Dok E); (v) vera kopja ta' certifikat ta' registrazzjoni mahrug mid-Dipartiment tas-Sahha (Dok F); (vi) vera kopja ta' certifikat mahrug minn 'Nursing & Midwifery Board (Department of Health) Malta (Dok G); (vii) vera kopja ta' 'Annual Practising Certificate mahrug mill-Victorian Nursing Council (Dok H); (viii) vera kopja ta' certifikat mahrug mill CDRT (Training & Development) (Dok I); (ix) vera kopja ta' licenzja mahruga mill-President tar-Repubblika ta' Malta (Dok J); u (x) vera kopja ta' passaport Malti mahrug fit-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (1993) (Dok K).

(5) Illi minn dawn id-dokumenti jirrizulta li fic-certifikat tat-twelid u taz-zwieg tar-rikorrenti, isem l-istess rikorrenti ghandu jigi mnizzel bhala 'Maria Ursula' u ghalhekk kellha ssir din il-kawza sabiex il-konvenut jigi ordnat jaffettwa d-debita korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid u taz-zwieg tar-rikorrenti.

Ghalhekk ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

i. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija huwa jikkoregi c-certifikat tat-twelid fuq imsemmi minnu mahrug, fis-sens illi fil-parti relattiva ghat-“Taghrif dwar it-Tarbija” fil-kolonna ntestata ‘Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha’ l-isem hemm indikat bhala “Ursula” jigi sostitwit bl-isem “Maria Ursula”.

ii. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija huwa jikkoregi c-certifikat taz-zwieg fuq imsemmi minnu mahrug, fis-sens illi fil-parti relattiva ghall-‘Isem u kunjom’, l-isem hemm indikat bhala “ Maria Ursola” jigi sostitwit bl-isem “Maria Ursula”.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tad-Direttur Registru Pubbliku li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi l-esponenti mhux qieghed jopponi ruhu ghat-talba tar-rikorrenti u ghalhekk qieghed jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi nonostanti l-esponenti m’ghandux ibati l-ispejjez tal-istanti.

Bl-ispejjez.

Rat li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif tikkontempla l-ligi.

Rat li fis-seduta tat-22 ta’ Novembru 2012 il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

It-talba tar-rikorrenti tirrizulta fondata u dan abbazi tad-dokumenti prezentati mill-istess rikorrenti msemmija fir-rikors promotur u minnha ezebiti.

Jirrizulta li m'hemm l-ebda opposizzjoni ghat-talba mressqa mill-intimat.

Tqis ukoll pero' li ma jidhirx li dan irrizulta minhabba xi zball li huwa mputabbli lill-konvenut b'xi mod.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tilqa' t-talbiet attrici u dan billi :

I. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi c-certifikat tat-twelid bin-numru hamsa u sittin (65) tas-sena elf disa' mija u tnejn u sittin (1962), fis-sens illi fil-parti relattiva ghat-"Taghrif dwar it-Tarbija" fil-kolonna intestata 'Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha' l-isem hemm indikat bhala "Ursula" jigi sostitwit bl-isem "Maria Ursula".

II. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoregi c-certifikat taz-zwieg bin-numru hamsa u tmenin (85) tas-sena elf disa' mija u tlieta u tmenin (1983), fis-sens illi fil-parti relattiva ghall-'Isem u kunjom', l-isem hemm indikat bhala " Maria Ursola" jigi sostitwit bl-isem "Maria Ursula".

Spejjez a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------